Ħal Luqa ma' Andrija
B'rabta ta' ħames sekli.
Maż-żmien hawn imrobbija
In-nies taħt dell il-Knisja.

## Kronoloġija

# Ħal Luqa 375 Parroċċa

## (1634 - 2009)

1634 – Ħal Luqa saret parroċċa u nqatgħet minn dik ta' Bir Miftuħ. Id-digriet għat-twaqqif tal-Parroċċa ħareġ mill-Papa Urbanu VIII fl-4 ta' Marzu, 1632, u kien iffirmat nhar id-9 ta' Mejju. Dun Wistin Cassia kien magħżul biex ikun l-ewwel kappillan. Ħa l-pussess nhar il-15 ta' Mejju. Nhar l-4 ta' Ġunju, saret l-ewwel magħmudija fil-Parroċċa, filwaqt li l-ewwel żwieġ sar fit-23 ta' Lulju tal-istess sena.

Waqt viżta pastorali li l-Vigarju Kapitulari Pontremoli għamel f'Ħal Luqa fl-20 ta' Awwissu twaqqfu l-fratellanzi tar-Rużarju u tas-Sagrament. Kien f'din is-sena wkoll li bdiet tinbena knisja ġdida li kellha titla' f'wesgħa fejn kien hemm żewġ kappelli, ta' San Ġiljan u Sant'Anton Abbati. Dawn twaqqgħu biex għamlu l-wisgħa għall-bini l-ġdid. Il-pjanta tal-knisja l-ġdida kienet fdata f'idejn Dun Ġulju Muscat.

1635 – Kien ordnat l-ewwel qassis Ħalluqi minn wara t-twaqqif tal-Parroċċa. Dan kien Dun Duminku Muscat u qaddes l-ewwel quddiesa fil-21 ta' Diċembru, 1635.

1636 – Fid-9 ta' Novembru l-Isqof Balaguer żar il-Parroċċa u amministra għall-ewwel darba s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

1656 – Fl-10 ta' Diċembru l-Isqof Balaguer beda viżta pastorali fejn żar il-knisja u xi knejjes żgħar imferxin madwar ir-raħal. Spiċċa biex ipprofana ħamsa minnhom li kienu ddedikati lil San Nikola (tnejn), tat-Twelid tal-Madonna, tal-Ibwar, u ta' San Tumas.

1658 – Il-kappillan Dun Wistin Cassia temm il-parrokat tiegħu f'Ħal Luqa u laħaq kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi. Minfloku laħaq kappillan Dun Mattew Gatt. Iċ-ċerimonja tal-pussess saret fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju. Fi



*Festa ta' Sant'Andrija f'Novembru 1919. Tidher l-istatwa ta' Malta Gwerriera armata fil-Pjazza.*

żmienu, il-bini tal-knisja parrokkjali kien fi stadju avvanzat. Sal-1665 il-bini kien kważi lest.

1673 – Fl-14 ta' Novembru miet il-kappillan Gatt. Indifen fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa stess. Dan il-Kappillan, jibqa' magħruf għall-ħidma tiegħu b'risq it-tagħlim Nisrani li għamel fir-raħal. Fil-15 ta' Mejju tal-1674 ħa l-pussess il-kappillan il-ġdid Dun Karlu Cassia li iżda dam biss erba' snin fil-parrokat peress li kien ikun ta' spiss marid.

1675 – Ħal Luqa ntlaqtet mill-pesta li ħalliet madwar sitta u sittin vittma. Dawn indifnu f'għalqa fit-triq li twasslek għall-Gudja. Iktar 'il quddiem sar iċ-ċimiterju li nsibu llum.

1678 – Fl-20 ta' Settembru, il-kappillan Dun Karlu Cassia, ħalla r-riedni tal-parroċċa u minfloku laħaq kappillan Dun Ġużepp Lamagna. Fi żmienu qamet it-tilwima bejnu u bejn il-kappillan tal-Gudja, fuq min għandu jbierek iċ-ċimiterju għall-ewwel darba. L-Isqof Molina ddeċieda li ċ-ċimiterju għandu jitbierek mill-kappillan ta' Ħal Luqa.

1683 – Fil-bidu ta' Mejju, Dun Franġisk Theuma laħaq kappillan. Matul il-parrokat tiegħu saru erba' viżti pastorali mill-Isqof Cocco Palmieri, ix-xogħol fil-bini tal-knisja l-ġdida kien għadu għaddej.

1687 – Il-pittur Kalabriż Mattia Preti pitter l-inkwatru titulari tal-martirju ta' Sant'Andrija.

1692 – Saret l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u li wara bdiet tintuża wkoll għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura.

1693 – F'din is-sena nbeda xi xogħol ta' tibdil fil-knisja parrokkjali li kienet għadha kif tlestiet. Iddeċidew li jibdlu l-kor u anki l-faċċata.

1699 – Jitlesta l-bini tal-kor il-ġdid u nbeda x-xogħol ta' tibdil fil-faċċata tal-knisja. Tħaffru l-pedamenti, iżda kellhom jgħaddu għaxar snin biex tlestiet.

1710 – Fit-28 ta' Ottubru, Dun Injazju Agius, laħaq kappillan. Iltaqa' mal-inkwiet fil-bidu tal-parrokat tiegħu wara li żewġ nisa akkużawh li abbuża fil-qrar. Kien ikkundannat tliet snin ħabs iżda ħarġuh fl-1714 għaliex kien marid. Sena wara rritorna fit-tmexxija tal-parroċċa.

1715 – Inġiebet ir-relikwija ta' Sant'Andrija mill-monasterju ta' San Fabjan u San Bastjan ta' Ruma.

1720 – Fit-28 ta' April, twaqqfet il-fratellanza taċ-Ċintura. Saret festa kbira fil-knisja u anke purċissjoni li fiha ħadu sehem ukoll il-fratellanzi tar-Rużarju u tas-Sagrament.

1723 – Tlestiet l-iskultura tal-kor il-ġdid tal-knisja parrokkjali. F'nofs iż-żewġ kolonni ta' kull naħa tpoġġew żewġ statwi ta' San Pietru u San Pawl. Illum dawn iż-żewġ statwi jinsabu fiċ-ċimiterju tal-parroċċa fi Triq il-Gudja ħdejn il-kappella. Inbeda wkoll ix-xogħol fuq iz-zuntier.

1724 – Il-kappillan Agius miet nhar il-15 ta' Settembru fl-età ta' 51 sena. Minfloku Dun Marju Mifsud ħa t-tmexxija tal-parroċċa.

1725 – Jitlesta x-xogħol fuq il-bini taz-zuntier.

1737 – Dun Anton Casha ħa l-pussess bħala l-kappillan il-ġdid fl-4 ta' Mejju wara l-mewt ta' Dun Marju Mifsud. F'din is-sena wkoll, beda jintrama t-tużell, filwaqt li fl-1777 sar ieħor ġdid biex jintrama fil-festi.

1745 – Sar ftehim mal-imgħallem Antonju Farrugia biex jinħadmu s-sedji tal-kor. L-iskultura kienet fdata f'idejn il-Ħal Luqi Pietru Saliba. Dawn is-sedji kienu lesti fis-sena 1746 u fl-1752, l-Isqof Alpheran de Bussan faħħar dan ix-xogħol waqt viżta pastorali.

1757 – Tlesta l-pulptu, ukoll xogħol tal-iskultur Pietru Saliba. Illum fadal biss l-istatwa ta' Sant'Andrija li kien hemm fil-quċċata tiegħu



u l-ħammiema tal-Ispirtu s-Santu li tinsab fis-suffett tat-tużell.

1759 – Il-kappillan Casha ħalla l-kariga ta' kappillan fil-15 ta' Novembru u minfloku nħatar Dun Mikiel Maxta..

1779 – Inħadmet l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija minn Giuseppe Scolaro u tħallset minn Andrea Camenzuli.

1781 – L-Isqof Vincenzo Labini, waqt viżta pastorali, sab l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija lesta fin-niċċa tagħha ħdejn il-fonti tal-magħmudija. Bdiet tingħata wkoll il-barka sagramentali. Fit-13 ta' Diċembru, l-Isqof Labini bagħat lil Dun Orazju Gafà bħala vigarju kurat biex jgħin lill-kappillan Dun Mikiel Maxta peress li kien kważi għama għalkollox.

1783 – Fis-7 ta' Diċembru, l-Isqof Vincenzo Labini kkonsagra l-knisja u bħala tifkira twaħħlet lapida mal-pilastru maġġur quddiem il-pulptu.

1795 – L-Avukat Ġużeppi Casha, offra li jħallas l-ispejjeż ta' żewġ qniepen ġodda. Dawn il-qniepen kienu ordanti għand il-fundatur Gakkinu Trigance. Fl-10 ta' Ottubru miet il-kappillan Dun Mikiel Maxta u minfloku nħatar Dun Tumas Scicluna li dam imexxi l-parroċċa sa Frar tal-1801. Il-parroċċa damet madwar sena mingħajr kappillan sakemm fl-14 ta' Diċembru, Dun Vinċenz Buhagiar ħa t-tmexxija tal-parroċċa f'idejh. Iżda ma tantx dam għax sena wara rritorna Għawdex minħabba li kien marid serjament. Miet fit-30 ta' Novembru tal-1802 fl-età ta' 36 sena.

1803 – Wara l-mewt ħesrem ta' Dun Vincenz Buhagiar, it-tmexxija tal-parroċċa għaddiet f'idejn Dun Ġużepp Scicluna. Fi żmienu saru l-istatwi ta' Santu Rokku, San Mikiel, San Luqa u San Tumas fuq iz-zuntier tal-knisja.

1833 – Inġieb il-korp ta' San Feliċissmu mill-katakombi ta' Santa Ċirijaka f'Ruma. Sena wara saret l-istatwa tal-qaddis liebes stil Ruman u fiha tpoġġew ir-relikwi kollha tiegħu. L-istatwa hija xogħol l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi. Taħt l-istatwa tidher il-firma tal-iskultur u s-sena 1834.

1838 – Beda jinħadem l-altar maġġur (il-qadim). Ix-xogħol dam għaddej sentejn u kien lest fl-1940. Dan l-altar inqered fl-aħħar gwerra dinjija.

1842 – Għall-festa ta' Sant'Andrija, iżżanżan is-sett ta' tnax-il appostlu ta' fuq l-altar maġġur.

1848 – Dun Franġisk Buttigieg inħatar bħala kappillan ta' Ħal Luqa. Iżda kull ma dam kien biss sena.

1849 – Fis-27 ta' Ġunju, Ħal Luqa reġa' kellna kappillan ġdid. Dan kien Dun Vinċenz Magri.

1854 – Beda jinħadem id-damask tal-knisja. L-ewwel ma saru kienu l-erba' pilastri maġġuri, filwaqt li diversi altari bdew jinksew bl-irħam, fosthom tar-Rużarju, taċ-Ċintura, tal-Agunija u l-altar tal-kor. L-altari l-oħra ġew irranġati u miżbugħin mill-ġdid.

1862 – Ħal Luqa kellha saċerdot mill-parroċċa li nħatar Kappillan. Dan kien Dun Pietru Cassar. Sfortunatament miet sena wara biss fis-27 ta' Diċembru, 1863, waqt li kien qiegħed iqaddes. It-telfa tiegħu nħasset ħafna.

1864 – Fil-21 ta' Frar Dun Lawrenz Frendo Rossi nħatar kappillan.

1866 – Inġieb f'Ħal Luqa l-ostensorju li fih tinżamm ir-relikwa ta' Sant'Andrija. Dan għadu jintuża sal-lum.

1870 – Beda jinħadem il-paviment tal-presbiterju u tal-kor. Kien lest seba' snin wara fl-1877.

1871 – Tlesta d-damask kollu tal-knisja.

1877 – Dun Ġużepp Trapani, inħatar kappillan ta' Ħal Luqa wara l-mewt ta' Dun Lawrenz Frendo Rossi. Dan tal-aħħar indifen fil-knisja parrokkjali.

1878 – Bit-tħabbrik ta' Pietru Azzopardi saret l-istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu, din inħadmet minn Ċnesu Decondia fuq disinn ta' Andrea Vassallo, sabiex jitfakkar it-twaqqif tal-formazzjoni mużikali La Stella.

1879 – Fuq inizjattiva tal-arluġġar Mikelanġ Sapiano saret l-istatwa tal-Kunċizzjoni li nsibu f'Misraħ il-Knisja. Tbierket nhar is-7 ta' Diċembru. Fil-festa ta' Sant'Andrija ta' din is-sena, instemgħet għall-ewwel darba l-antifona ta' Paola Nani, li kien il-*maestro di cappella* tal-knisja ta' Ħal Luqa. Baqgħet tindaqq sal-1930.



1881 – L-arluġġar

Mikelanġ Sapiano ħadem il-magna tal-arloġġ b'arloġġ kwadranti.

1883 – Il-Banda Sant'Andrija tieħu sehem fil-festa ta' Sant'Andrija.

1884 – Fil-festa issa bdew jieħu sehem iż-żewġ baned ta' Ħal Luqa Sant'Andrija u l-Unjoni. Il-Banda Sant'Andrija ħadet sehem ukoll fil-festa taċ-Ċintura fil-31 ta' Awwissu, kif ukoll fil-Ġimgħa l-Kbira.

1888 – Fit-8 ta' Jannar, Dun Orazju Grima ħa l-pussess bħala kappillan tal-parroċċa.

1901 – Fuq talba tal-kappillan Grima, il-perit Franġisku Sammut ħejja l-pjanti tan-navi u l-faċċata l-ġdida tal-knisja. Fit-12 ta' April il-pjanti kienu esebiti fis-sagristija filwaqt li fl-1 ta' Mejju l-Isqof Pietru Pace approva l-proġett. Ix-xogħol beda nhar is-16 ta' Mejju.

1902 – Il-Kappillan Grima, fuq parir tat-tabib, talab li jħalli t-tmexxija tal-parroċċa fuq raġunijiet ta' saħħa. Sena wara Dun Anton Vella beda jmexxi l-parroċċa.

1903 – Lejn l-aħħar tas-sena l-bini tan-navi kien lest.

1904 – Tlestew l-erba' altari tal-kappelli l-ġodda u fit-Tridu tal-festa ta' din is-sena n-navi tbierku.

1908 – Fuq suġġeriment tal-Isqof Gaetano Pace Forno, tbiddlet l-arkitettura tal-artali maġenb l-altar maġġur. Saret bħal dik tal-altari l-ġodda tan-navi. Iżżanżnu wkoll tliet kwadri ġodda għall-kappelluni l-ġodda.

1910 – Beda x-xogħol fuq iz-zuntier il-ġdid, dak li nsibu llum. Inħadem kollu b'ġebel tal-qawwi u sarlu kanċell tal-ħadid mad-dawra. Il-benefattur Ġużeppi Sltyhe ħallas għal żewġ fontijiet tal-ilma mbierek. L-imgħallem Luqa Griscti ħadem il-gallarija tal-orgni filwaqt li l-iskultura Pawlu Falzon ħadem l-iskultura tan-niċeċ tal-Madonna u ta' Sant'Andrija.

1911 – Fid-29 ta' April ittella' f'postu r-Redentur li nsibu bejn il-kampnari. Din l-istatwa nħadmet fuq iz-zuntier stess mill-iskultur Franġisku Saverju Sciortino.

1913 – Il-Ħadd 23 ta' Novembru waslet lura mill-Belt l-istatwa ta' Sant'Andrija wara li sarilha restawr u kienet indurata mill-iskultur Bormliżi Abram Gatt. Saru wkoll bradella u bankun ġodda għall-istess statwa. Inħadmu minn Luqa Griscti fuq disinn tal-istess Abram Gatt.

1914 – Tqiegħdu f'posthom iż-żewġ statwi



*F'dan ir-ritratt il-pulptu l-antik b'Sant'Andrija fuqu.*

l-oħra li jinsabu fil-faċċata fuq kull naħa tar-Redentur. Dawn jirrapreżentaw il-fidi u t-tama.

1920 – Dun Anton Vella temm il-parrokkat tiegħu u minflokU laħaq Dun Ġużepp Magri.

1924 – F'Jannar ta' din is-sena beda jinxtara d-damask tan-navi u tlesta erba' snin wara. Din l-opra saret bil-ħidma ta' Dun Ġużepp Vassallo li kien il-prokuratur tal-knisja sa minn meta nbnew in-navi.

1928 – Il-parroċċa ta' Ħal Luqa kellha ħames qniepen ġodda li nħadmu fil-funderija *Propero Baricozzi* ta' Milan. Fis-26 ta' Ottubru dawn intramaw fuq iz-zuntier u tbierku mill-Isqof Mawru Caruana. Il-qniepen ittellgħu xi jiem wara: però l-Kbira, iddedikata lil Sant'Andrija, ittellgħet il-Ħadd 18 ta' Novembru. Il-qniepen il-qodma nbigħu lit-Tereżjani ta' Birkirkara. Fil-festa tal-istess sena ntrama wkoll għall-ewwel darba d-damask tan-navi.



***L-Isqof Mauro Carauna jidlek iż-żejt il-qanpiena l-kbira msemmija Andreana fuq iz-zuntier tal-knisja.***

1920 – fis-6 ta' Mejju Dun Ġużepp Magri ħalla t-tmexxija tal-parroċċa u minfloku laħaq Dun Salv Pavia.

1933 – Inbeda x-xogħol ta' tkabbir fiċ-ċimiterju ta' Triq il-Gudja. Dan il-proġett kien meħtieġ biex jinqata' d-dfin fil-knisja. Il-Perit Indri Micallef għamel il-pjanti.

1936 – Fid-29 ta' Jannar tħabbret il-mewt tal-kappillan Pavia fl-età ta' 43 sena. Fl-10 ta' Mejju ħa l-pussess il-kappillan Dun Ġużepp Debono.

1940 – Wara li waqqaf id-dfin fil-knisja parrokkjali, beda jitqiegħed il-paviment tal-knisja. Illum fadal biss parti minnu li tinsab fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Triq il-Gudja. Fil-11 ta' Ġunju waqgħu l-ewwel bombi fuq Ħal Luqa. Dan kien il-bidu tal-impatt negattiv tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq Ħal Luqa. F'dik is-sena l-purċissjoni ta' Sant'Andrija ma saritx, iżda saru biss il-festi ta' ġewwa.

1942 – Fil-jum traġiku tal-Ħamis 9 ta' April iġġarfet sew il-knisja parrokkjali (in-naħa tal-kappellun tar-Rużarju). Għall-quddiesa bdiet tintuża n-naħa tal-kappellun tal-Agunija. Din il-parti ngħalqet u l-altar ta' Santa Marija beda jintuża bħala l-maġġur.

1943 – Il-qniepen tal-knisja parrokkjali daqqew biex iħabbru t-tmiem tal-attakki fuq Malta u Ħal Luqa, nhar is-Sibt 8 ta' Mejju.

1944 – F'Settembru beda x-xogħol tal-bini l-ġdid tal-knisja parrokkjali wara t-tiġrif tal-gwerra. L-imgħallem Geraldu Spiteri ħa l-bini tal-knisja f'idejh filwaqt li l-Perit Indri Micallef għamel il-pjanta. Inbena ħajt għoli taħt il-kampnar tal-qanpiena l-kbira minħabba l-biża' li dan seta' jiġġarraf.

1947 – Issaqqfet il-korsija sal-arkun tal-pilastri maġġuri. In-navi tan-naħa tax-xellug u l-faċċata tal-ġenb minn barra tlestew ukoll. Fid-9 ta' Marzu din il-parti tbierket mill-Isqof Emmanuel Galea. Issa kien jonqos li tinbena l-parti tal-kor u l-kappellun tar-Rużarju. Ittella' ħajt għoli 42 pied bejn iż-żewġ pilastri maġġuri u ngħalqet l-arkata bejn in-navi u l-kappellun tar-Rużarju, biex b'hekk setgħu jsiru l-funzjonijiet filwaqt li jinbeda x-xogħol fil-kappellun tar-Rużarju u fil-kor. Il-kappellun tal-Agunija nħatt, għalkemm ma kien ġarrab l-ebda ħsara biex jaqbel mal-istil il-ġdid.

1950 – Bdiet tinbena l-koppla. Ix-xogħol dam għaddej sentejn.

1952 – Fid-29 ta' Settembru, beda jinħatt il-kampnar tal-qanpiena l-kbira, peress li l-pilastri tiegħu ġarrbu ħsarat kbar fil-gwerra. L-imgħallem



*Il-kampnar tal-qanpiena l-kbira mirfud minn ħajt.*

Geraldu Spiteri ried li jerġa' jinbena eżattament kif kien u għalhekk il-ġebel kollu ġie ppustjat fuq il-bejt tal-knisja u tqiegħed fl-ordni li kien qabel.

1953 – Nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju tqaddset l-ewwel quddiesa fuq l-altar maġġur. Illum dan l-altar insibuh taħt il-kwadru titulari fil-kor. .

1955 – Inbniet il-parti tan-nofs tal-faċċata tal-knisja. Tneħħiet l-arma tal-Papa Urbanu VIII u minflok saret il-gallerija li naraw illum. Ir-reduntur li kien hemm f'nofs il-kampnari reġa' ttella' f'postu.

1956 – Fit-22 ta' Ottubru, Dun Ġużepp Debono ħalla t-tmexxija tal-parroċċa wara 20 sena kappillan. Nhar il-Milied tal-istess sena, Mons. Innoċenz Borg ħa t-tmexxija tal-parroċċa f'idejh. Fl-istess sena beda jitqiegħed ukoll il-paviment il-ġdid tal-irħam.

1958 – L-imgħallem Ħalluqi Ġużeppi Galea ħadem is-sedji tal-kor.

1961 – Saret il-Via Sagra tal-bronż mill-iskultur Pietro Tavani.

1962 – Fis-26 ta' Settembru l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi kkonsagra l-knisja mill-ġdid wara li nbniet mit-tiġrif tal-gwerra.

1964 – Inħadem il-pulptu, xogħol fil-kewba tal-imgħallem Ġużeppi Galea mir-Rabat.

1967 – Fil-festa ta' Sant'Andrija dik is-sena, instema' għall-ewwel darba l-orgni. Dan inħadem l-Italja għand id-ditta *Vincenzo Mascioni.*

Fis-snin sebgħin saru diversi opri fil-knisja parrokkjali. Fosthom nistgħu nsemmu s-sett ta' ħames linef li kienu mħallsa minn diversi benefatturi. Il-pittur Envin Cremona pitter iż-żewġ kwadri laterali u żewġ kwadri oħra f'kull ġenb tal-kwadru titulari. Dawn jirrappreżentaw lil San Pietru u San Pawl, filwaqt li dawk laterali juru lil Sant'Andrija jadura s-salib u d-difna ta' Sant'Andrija.

1976 – Il-pittur Pawlu Camilleri Cauchi għamel l-erba' kwadri li hemm maġenb il-kwadru tar-Rużarju u tal-Agunija. Dawk fil-kappellun tar-Rużarju juru lill-Madonna żżur lill-qariba Santa Eliżabbetta u d-dehra tal-Anġlu Gabriel lill-Madonna. Dawk il-kappellun tal-Agunija, juru lil Ġesù jitgħammed għand il-Battista u Ġesù jidher lil Marija ta' Magdala fil-qawmien tiegħu mill-mewt.

1980 – Wara erbgħa u għoxrin sena Dun Innoċenz Borg inħatar Monsinjur u b'hekk ħalla t-tmexxija tal-parroċċa. Minfloku laħaq Dun Kalċidon Vassallo.

1984 – L-ikbar biċċa xogħol li għamel il-kappillan Vassallo, kienet iż-żebgħa tal-knisja kollha bil-koppla b'kollox li tlestiet għaċ-ċelebrazzjonijiet tat-350 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa li kien imfakkar nhar il-15 ta' Mejju. Sar ukoll xi xogħol ta' restawr fil-kampnar tax-xellug (in-naħa tal-kappellun tal-Agunija).

1986 – Dun Ġużepp inħatar kappillan.

1989 – Saru l-pitturi tal-erba' lunetti ta' taħt il-koppla li juru l-erba' vanġelisti. Dawn kienu lesti għall-festa tal-istess sena, u tħallsu mill-benefattur Noè Ciappara.

1992 – Nhar il-Ħadd 3 ta' Mejju, it-tmexxija tal-parroċċa għaddiet f'idejn Dun Alfred Vella. Fi żmienu nżebgħu l-koppla u l-koppletti minn barra filwaqt li sar xi xogħol ta' manutenzjoni fid-dawl tal-knisja sar ħafna xogħol fiċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq id-Dokkiena minn ġewwa.

1997 – Fid-9 ta' Marzu, Dun Joe Camilleri ħa l-pussess bħala kappillan ġdid ta' Ħal Luqa. Fis-sajf tal-istess sena, inbeda xogħol ta' restawr fiż-zokklatura tal-faċċata tal-knisja peress li xi ġebel kien tmermer għalkollox.

2000 – Inbeda l-proġett tal-presbiterju, fejn dak li kien l-altar maġġur, tressaq fil-kor, eżattament taħt il-kwadru titulari. Minfloku sar l-altar mejda skont il-Konċilju Vatikan it-Tieni. Fil-faċċata tal-mejda tpoġġiet l-iskultura fl-irħam tal-Aħħar Ċena li kienet mal-altar ta' qabel.

2001 – Il-proġett tal-presbiterju tlesta, u kien inawgurat minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu. Eżattament wara l-festa tal-istess sena, inbeda l-proġett ta' restawr fuq il-paviment tal-knisja li kien illustrat mill-ġdid. Tlesta għall-festa tal-Milied tal-istess sena.

2002 – Ingħata bidu għall-proġett mill-aktar ambizzjuż – dak tal-invjar tal-knisja kollha. L-ewwel ma nbdew kienu l-pilasti.

2003 – Fit-2 ta' Mejju, il-kappillan Dun Joe Camilleri weġġa' gravi f'inċident ġewwa Dar it-Tagħlim Nisrani f'Ħal Luqa. Fid-9 ta' Ġunju tħabbret il-mewt tiegħu. Ħal Luqa bkiet lil dan il-kappillan ħabrieki li għamel ġid kbir fil-parroċċa. L-Erbgħa 11 ta' Ġunju, it-tebut ittella' mill-parroċċa ta' San Bastjan f'Ħal Qormi b'korteo sa tarf Triq Sant'Andrija fejn hemmhekk sar korteo mmexxi mill-għaqdiet kolla tar-raħal. Iż-żewġ baned lokali daqqew marċi funebri tul it-triq. Wara saret quddiesa funebri li għaliha ħadu sehem numru kbir ta' qassisin. Din is-sena l-festa ta' Sant'Andrija, biċ-ċelebrazzjonijiet esterni u dawk ta' ġewwa, tħassret. F'Ottubru tal-istess sena, Dun Karm Camilleri ħa l-pussess bħala kappillan ġdid.

2004 – Sa wara l-festa ta' Sant'Andrija tlestew il-pilastri tan-navi mill-invjar u nbeda x-xogħol fuq il-pilastri maġġuri. Kien irrestawrat ukoll xi xogħol tal-injam bħall-konfessjonarji u ż-żewġ loġoġ li nsibu fuq il-bibien iż-żgħar tal-faċċata. Sar ukoll xogħol estensiv ta' manutenzjoni fuq il-magna tal-arloġġ. F'din l-istess sena, il-parroċċa qed tiċċelebra għeluq it-370 sena mit-twaqqif tagħha. Is-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija fakkret dan l-anniversarju bil-pubblikazzjoni tal-ktieb 370 Parroċċa.

2006 – Wara li tlesta x-xogħol tal-injam, Dun Karm Camilleri beda l-proġett ambizzjuż tal-koppla, fejn wara li sar xogħol fuqha fuq in-naħa ta' barra, minn ġewwa din ġiet miżbugħha u ndurata bid-deheb. Il-pittur il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi ġie kkummisjonat biex jagħmel il-pittura tagħha.

2007 – L-Arċisqof il-ġdid ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona jżur il-parroċċa u jżur iż-żewġ

Każin tal-Banda għall-ewwel darba.

2008 – Ikunu nawgurati ż-żewġ niċeċ wara li kienu indurati dik ta' Sant'Andrija u tal-Madonna tar-Rużarju.

2009 – Il-parroċċa qed tfakkar it-375 sena mit-twaqqif tagħha. Fil-15 ta' Mejju tfakkar dan l-anniversarju b'korteo minn Bir Miftuħ, filwaqt li bejn il-25 u d-29 ta' Mejju, Mons. Arċisqof Pawlu Cremona għamel Viżta Pastorali f'Ħal Luqa, fejn iltaqa' mal-membri ta' diversi għaqdiet u mal-parroċċi. Hi t-tama tal-Kappillan u l-Ħalluqin li lejn l-aħħar ta' din is-sena tkun inawgurata l-koppla ddekorata.

Okkażjoni oħra speċjali għall-parroċċa kienet l-Ordinazzjoni Episkopali tal-E.T. Mons. Joseph Spiteri, saċerdot Ħalluqin bħala Arċisqof titulari ta' Serta u Nunzju Appostoliku fi Sri Lanka.

Ħarsa lejn din il-kronoloġija malajr turina li l-parroċċa ta' Ħal Luqa għaddiet minn tibdil kbir matul is-snin. Insibu diversi avvenimenti kemm ta' ferħ, kif ukoll ta' niket, li b'xi mod ħallew l-impatt tagħhom. Però, il-Ħalluqin, dejjem ħabbew lil din il-parroċċa u raw kif għamlu biex dejjem mexxewha 'l quddiem. Il-knisja parrokkjali hija l-akbar xhieda ta' dan. Sfortunatament, il-gwerra ma kinitx l-unika raġuni li ħafna mill-opri artistiċi li kienet tipposjedi l-knisja ntilfu, b'konsegwenza li llum ħadd ma jaf x'sar minnhom. Hija ħasra li diversi oġġetti, bl-iskuża biex isir il-ġdid, ġew imwarrba, imkissra jew meħuda minflok ġew ippreservati. Minn dawn illum fadal biss tifkiriet u ritratti. Għalhekk, huwa importanti li noħolqu kuxjenza fuq l-istorja twila tal-parroċċa tagħna biex dak li fadlilna jkun ikkurat. Aħna l-Ħalluqin għandna nkunu konxji ta' dan għax fuq kollox dan hu patrimonju tagħna.


Referenza:

Dun Ġużepp Micallef, 'Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha', 1975

Jesmond Grech, 'L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija: Twelidha u Ġrajjietha', 2008

Għaqda Mużikali Sant'Andrija, '370 Sena Parroċċa', 2004



SCARNIF COACHES



FRANCIS ATTARD

**Coach & Bus Builder**

**Body parts supplier**

France Garage, N/S off Valletta Road, Luqa
Tel: (356) 2189 5963 • Mobile: 9989 1261
Fax: (356) 2182 6479